MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 479/2013

**O.W. Bunker Malta Limited**

**vs**

**Sea Montauk Navigation Limited**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tas-socjeta attrici tal-21 ta’ Mejju 2013 li jghid hekk:
1. Illi s-socjeta intimata hija propjetarja tal-bastiment merkantili m.v. MONTAUK li ghandu n-numru tal-IMO 9310367, reqistrat hawn Malta bin-numru ufficjali 09794 - Dok. A.

2. Illi s-socjeta intimata hija debitrici versu s-socjeta rikorrenti ghas-somma ta' hamsa u disghin elf, disa' mija u tletin ewro u wiehed u disghin centezmu (EUR95,930.91)

jew somma verjuri ohra li tekwivali skond ir-rata tal-kambju vigenti ghas-somma ta’ mija u tlieta u ghoxrin elf u tlett mitt Dollari Amerikani (USD123,300), oltre imghaxijiet mid-data tal-fattura rilevanti sad-data tal-pagament effettiv u spejjez, rapprezentanti l-prezz ta' bunkers mibjugh u konsenjat lill-bastiment m.v. Montauk tas-socjeta intimata, kif jidher mill-fattura hawn annessa bhala Dok. "B" kif ukoll mill-bunker receipts relattivi Dok. C1 u Dok. C2.

3. Illi dan id-debitu kellu jithallas fi zmien tletin gurnata mid-data tal-konsenja, kif jidher mill-fattura hawn annessa bhala Dok. B, liema konsenja saret fl-24 ta' Awwissu, 2012 kif jidher mill-istess fattura Dok. B u mill-bunker receipts Dok. C1 u Dok. C2. Ghaldaqstant id-debitu sar dovut nhar l-24 ta' Settembru 2012.

4. Illi skond il-paragrafu l.5 tat-Terms and Conditions of Sale for Marine Bunkers Edition 2011 (Dok. D), li huma soggetti ghal-ligi tad-Danimarka, li jorbot il-bejgh u l-forrnituri tal-bunkers odjerni, is-socjeta intimata ghandha thallas interessi bir-rata ta' 2% fix-xahar mid-data tal-fattura u ghalhekk sallum huwa dovut l-ammont ta' USD22,194 ekwivalenti ghal Ewro17,26S.S6, jew somma verjuri, kif ukoll administration fee ta' USD500 ekwivalenti ghal ewro 389, jew somma verjuri, ghaz-zewg fornituri, skond l-imsemmi paragrafu l.5 tat-Terms and Conditions of Sale fuq imsemmija.

5. Illi sabiex tkun tista' tagixxi legalment kontra s-socjeta intimata, is-socjeta rikorrenti ottjeniet pariri u opinjonijiet legali minn avukati fid-Danimarka, fl-Istati Uniti u fil-Grecja u nkorriet spejjez fl-ammont totali ta' disat elef disa' mija u hamsin Dollari Amerikani u sittin centezmu (USD9,950.60) ekwivalenti ghal Ewro7,741.85, jew ammont verjuri.

6. Illi ghalkemm interpellata diversi drabi sabiex thallas l-ammonti dovuti kif spjegati hawn fuq, is-socjeta intimata baqghet inadempjenti.

7. Illi ghalhekk kellha ssir din il-kawza ghall-hlas tal-ammonti dovuti mis-socjeta intimata rapprezentati l-prezz

tal-bunkers mibjugha u konsenjati mis-socjeta rikorrenti, interessi u spejjez inkorsi mis-socjeta rikorrenti.

Tghid ghalhekk is-socjeta intimata ghaliex, ghar-ragunijiet premessi, dina l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex:

(i) Tiddikjara li s-socjeta intimata hija debitrici tas-socjeta rikorrenti fl-ammont ta' hamsa u disghin elf, disa' mija u tletin ewro u wiehed u disghin centezmu (EUR95,930.91) jew somma verjuri ohra li tekwivali skond ir-rata tal-kambju vigenti ghas-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin elf u tlett mitt Dollari Amerikani (USD123,300), ammont rapprezentati prezz ta' bejgh u forrnituri ta' bunkers fuq il-bastiment m.v. Montauk, kif ukoll l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf, tlett mija u tmienja u disghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (EUR25,398.43) jew somma verjuri li tekwivali ghas-somma ta' tnejn u tletin elf, sitt mija u erbgha u erbghin Dollaru Amerikan u sittin centezmu (USD32,644.60) rapprezentati imghaxijiet sallum, administration fee u spejjez, total ta' EUR121,327.32.

(ii) Tikkundanna lill-bastiment intimat ihallas lis-socjeta rikorrenti l-ammont ta' hamsa u disghin elf, disa' mija u tletin ewro u wiehed u disghin centezmu (EUR95,930.91) jew somma verjuri ohra li tekwivali skond ir-rata tal-kambju vigenti ghas-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin elf u tlett mitt Dollari Amerikani (USD123,300), ammont rapprezentati prezz ta' bejgh u forrnituri ta' bunkers fuq il-bastiment m.v. Montauk, kif ukoll l-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf, tlett mija u tmienja u disghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (EUR25,398.43) jew somma verjuri li tekwivali ghas-somma ta' tnejn u tletin elf, sitt mija u erbgha u erbghin Dollaru Amerikan u sittin centezmu (USD32,644.60) rapprezentati imghaxijiet sallum, administration fee u spejjez, total ta' EUR121,327.32.

Bl-ispejjez gudizzjarji u bl-imghaxijiet sal-pagament effettiv kontra s-socjeta intimata li tibqa' ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tas-socjeta attrici;

Rat li s-socjeta konvenuta giet debitament notifikata fid-29 ta’ Mejju 2013 pero ma dehritx ghas-seduta tal-4 ta’ Lulju 2013;

Semghet lil Dr. Carmel Chirop li kkonferma bil-gurament tieghu li l-ammont pretiz ghadu dovut;

**Decide**

Billi mill-atti u xiehda prodotta t-talbiet attrici jidhru gustifikati, il-Qorti qed tiddesponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil bastiment konvenut jhallas lis-socjeta attrici l-ammont ta’ hamsa u disghin elf, disa' mija u tletin ewro u wiehed u disghin centezmu (€95,930.91) ekwivalenti ghas-somma ta' mija u tlieta u ghoxrin elf u tlett mitt dollaru Amerikan (USD123,300), ammont rapprezentati prezz ta' bejgh u forrnituri ta' bunkers fuq il-bastiment m.v. Montauk, kif ukoll I-ammont ta' hamsa u ghoxrin elf, tlett mija u tmienja u disghin ewro u tlieta u erbghin centezmu (€25,398.43) ekwivalenti ghas-somma ta' tnejn u tletin elf, sitt mija u erbgha u erbghin dollaru Amerikan u sittin centezmu (USD32,644.60) rapprezentati imghaxijiet sallum, administration fee u spejjez, total ta' €121,327.32.

Bl-ispejjez kontra l-bastiment konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------